31999D0404

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-10 ta' Mejju 1999
dwar il-ftehim għal koperazzjoni mtejba bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea tal-Punent

(1999/404/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll dwar l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni Ewropea għandha tfassal, flimkien ma' l-Unjoni Ewropea tal-Punent, ftehim għal koperazzjoni mtejba bejniethom, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam.

(2) Peress li ġie mwettaq xogħol ta' preparazzjoni flimkien ma' l-Unjoni Ewopea tal-Punent bil-għan li jitfassal ftehim bħal dawn.

(3) Fejn it-test li jirriżulta minn xogħol ta' preparazzjoni bħal dan ma' l-Unjoni Ewropea tal-Punent huwa xieraq għal ftehim għal koperazzjoni mtejba ma' l-Unjoni Ewropea tal-Punent u għandu jkun approvat kif xieraq,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test li jikkostitwixxi l-ftehim għal koperazzjoni aħjar bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea tal-Punent skond il-Protokoll fuq l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea hu hawnhekk approvat.

It-test tal-ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fl-10 Mejju ta' l-1999.

Għall-Kunsill

Il-President

H. EICHEL

FTEHIM GĦAL KOPERAZZJONI AĦJAR BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-UNJONI EWROPEA TAL-PUNENT SKOND IL-PROTOKOLL FUQ L-ARTIKOLU 17 TAT-TRATTAT TAL-UNJONI EWROPEA

I. DAĦLA

1. L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi *inter alia* għal relazzjonijiet stituzzjonali iktar mill-qrib ma' l-Unjoni Ewropea tal-Punent (WEU) b'ħarsa lejn il-possibilitá tal-integrazzjoni tal-WEU fl-Unjoni Ewropea (UE), jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi hekk. L-Artikolu 17 jipprovdi wkoll li l-Kunsill Ewropew għandu f'dak il-każ jirrakomnada lil l-Istati Membri l-addozzjoni ta'deċiżjoni bħal din bi qbil mat-talbiet kostituzjonali rispettivi tagħhom.

Skond id-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Artikolu 17, il-Kunsill tal-Unjoni nhar l-10 ta'Mejju tal-1999 addotta d-Deċiżjoni li titratta l-ftehim prattiku għall-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri kollha tad-dmirijiet skon l-Artikolu 17(2) TAT-Trattat tal-Unjoni Ewropea għal liema l-Unjoni tagħmel lilha nfisha disponibbli għall-WEU.

Il-Kunsill tal-WEU addotta minn qabel, nhar it-18 ta'Novembru tal-1997, disposizzjonijiet li jikkorrispondu ma' l-ftehim prattikku b'referenza għalih fl-Artikolu 17(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE). Dan hu msemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill hawn fuq imsemmija.

2. Il-Protokoll fl-Artikolu 17 jistipula li l-UE għandha tfassal flikien ma' l-WEU, ftehim għal koperazzjoni aħjar bejniethom, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta'Amsterdam.

Il-Kunsill Ewropew fi Vjenna stieden lill-Kunsill sabiex iressaq il'quddiem, bi ftehim ma' l-WEU, it-tmiem ta' l-ftehim għal koperazzjoni aħjar skond il-Prtokoll fl-Artikolu 17, sabiex dawn jistgħu jidħlu fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat.

Il-WEU (fid-Dikjarazzjoniji tagħha bid-data tat-22 ta'Lulju 1997) identifikat sensiela ta' miżuri li jistgħu jitttieħdu 'l quddiem f'dan il-kuntest. Din id-Dikjarazzjoni kienet saret mill-Konferenza Intergovernattiva 1996/1997 u annessa ma' l-Att Finali.

3. Bi qbil ma' l-Protokoll f'l-Artikolu 17, l-UE u l-WEU fasslu l-ftehim segwenti għal koperazzjoni mtejba bejniethom, tfassil li sar fuq sensiela ta'miżuri nklużi fid-Dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija.

Dan il-ftehim jikkostitwixxi f'sensiela ta'miżuri li jistgħu ikunu riveduti u kumplimentati fid-dawl ta' l-esperjenza. L-UE u l-WEU jikkommettu ruħhom li jirrevedu dawn il-ftehim kif meħtieġ u f'kull każ mhux iktar tard minn sentejn mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta'Amsterdam, notevolment fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba u l-iżvilupp ta'relazzjonijiet bejniethom.

II. FTEHIM

A. **Titjieb il-kordinazzjoni tal-konsultazzjoni tal-UE/WEU u proċessi ta'teħid ta'deċiżjonijiet, partikolarment sitwazzjonijiet ta'kriżi.**

1. Kemm l-UE u l-WEU huma konvinti li l-implimentazzjoni prattika ta' l-Artikolu 17 tal-UET ser tinkiseb l-aħjar u iktar malajr permezz ta' ftehim li jippermetti liż-żewġ organizzazzjonijiet li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom skond dawn id-disposizzjonijiet iktar effettivi, notevolment f'sitwazzjonijiet ta'kriżi.

2. Mingħajr preġudizzju għal kompetenzi rispettivi tagħhom f'kull każ prattiku, l-UE u l-WEU ser jagħmlu l-użu sħiħ tal-prattiċitajiet eżistenti u proċeduri u jfittxu li jidentifikaw iktar miżuri ta'konsultazzjoni u koperazzjoni fid-dawl ta' l-esperjenza.

3. L-UE u l-WEU hawnhekk kif xieraq jaqblu li l-"*modus operandi*" għall-Artikolu 17(3) u l-*Flowchart* tiegħu mehmuża li tiddeskrivi b'mod dijagrammatiku l-passi proċedurali fiż-żewġ organizzazzjonijiet u l-konnessjonijiet bejniethom, kif imniżżla fl-Anness I, ser jintużaw bħala gwida għal proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE u l-WEU, għal każi fejn l-UE tagħmel lilha nfisha disponibbli għall-WEU. Huma jaqblu wkoll li gwida bħal din tista' tkun biss illustriva u ma tistax tkun mistennija li tkopri l-elementi kollha ta'kull sitwazzjoni ta'kriżi mgħotija, lanqas ma tippreġudizzja iktar titjib fil-proċessi tat-teħid tad-deċIżjonijiet applikabbli.

B. **Twettieq ta' laqgħat tal-korpi relevanti taż-żewġ organizzazzjonijiet flimkien**

1. L-UE u l-WEU qablu li l-laqgħat flimkien jistgħu itejbu l-koperazzjoni u ser ikunu organiżżati kif xieraq:

(i) f'oqsma fejn koperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet hi provduta għaliha skond l-Artikolu 17 tal-UET, b'referenza għas-segwenti:

(a) WEU tappoġja l-UE biex tkopri l-aspetti ta'difensiva fil-politika barranija komuni u dik tas-sigurtá, kif preskritti fit-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 17(1);

(b) l-UE tagħmel lilha nfisha disponibbli għall-WEU sabiex telabora u timplimenta deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-UE li għandhom implikazzjonijiet difensivi, kif preskritti fl-Artikolu 17(3);

(ii) f'oqsma oħra fejn l-interessi u l-attivitajiet tal-UE u tal-WEU ma jiltaqgħux u jista' jkun hemm il-bżonn ta'kordinazzjoni ġustifikata.

2. Għall-għanijiet deskritti skond B.1 (i), l-UE u l-WEU jaqblu li jkomplu l-prattika eżistenti li jagħmlu laqgħat ta'UE/WEU grupp *ad hoc*, skond il-modalitajiet imwaqqfa.

Il-proċeduri segwenti ser ikunu segwiti:

— kull pajjiż li jattendi hu rappreżentat minn delegazzjoni unika; id-delegazzjonijiet huma mqegħda bil-qegħda f'ordni alfabetika, l-ismijiet tal-pajjiżi ikunu bil-lingwa tagħhom stess,

— il-laqgħat huma kopreseduti bi qbil mar-regolamenti ta'kull organizzazzjoni: għall-UE. Il-Presidenza, appoġġjata mis-Segretarjat Generali tal-Kunsill tal-UE, għall-WEU, is-Segretarjat Ġenerali bil-Presidenza tal-WEU fil-ġenb tagħha stess ħdejn il-Presidenza tal-UE,

— il-Kummissjoni Ewropea tpoġġi tħares lejn il-kopresidenti,

— l-aġenda u d-dokumenti għall-laqgħat huma mqasma skond l-awtoritá tal-Presidenza/Presidenzi tal-UE u l-WEU,

— rapport fuq kull laqgħa hu preparat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u mis-Segretarjat-Ġenerali tal-WEU flimkien u mdawwar skond l-awtoritá il-Presidenza/Presidenzi tal-UE u l-WEU,

— wara l-laqgħat, hija r-responsabilitá tal-Presidenza sabiex tintroduċi kull dokument jew deċiżjoni proposta fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'kull organizzazzjoni.

3. Fit-trattament ta'kriżijiet li fihom l-UE tiddisponi lilha nfisha mill-WEU jew fejn l-attivitajiet tagħhom jiġġustifikaw kunsiderazzjoni skond paragrafu B.1 (ii), laqgħat flimkien tal-korpi konċernati tal-UE u l-WEU jistgħu jinżammu bl-inizjattiva taż-żewġ Presidenzi flimkien.

Il-modalitajiet u proċeduri preskritti għal grupp ad hoc grupp konġunt għandu jaqqlika *mutatis mutandis*, bil-parteċipazzjoni li tirrifletti l-format addottat f'kull organizzazzjoni.

4. Il-koperazzjoni ser tkun natabilment imtejba permezz ta':

— koperazzjoni mill-qrib bejn il-Presidenzi u l-impjegati tal-organizzazzjonijiet rispettivi f'għaqda, skambju ta'nformazzjoni u kordinazzjoni ta'xogħol,

— kuntatti regolari u laqgħat bejn il-Presidenzi u Segretarjati taż-żewġ organizzazzjonijiet,

— informazzjoni regolari preżentata mill-Presidenza tal-UE fil-laqgħat tal-WEU u mill-Presidenza tal-WEU fil-laqgħat tal-UE,

— parteċipazzjoni tal-Presidenzi rappreżentattivi tal-UE u tal-WEU f'laqgħat korrispondenti u attivitajiet tal-organizzazzjoni l-oħra,

— parteċipazzjoni minn uffiċjali ta'waħda mill-organizzazzjoni fil-laqgħat tal-organizzazzjoni l-oħra, bl-użu tal-modalitajiet indikati f'D u G,

— il-possibilitá għar-rappreżentattivi tal-WEU sbiex ikunu nkluži b'inizjattiva tal-UE fid-delegazzjoni tal-UE f'laqgħat u okkażżjonijiet relatati ma' l-pajjiżi terzi meta fatturi li għandhom impikazzjonijiet ta'difensiva għandhom ikunu koperti. Kuntatti tal-UE u tal-WEU ma' l-pajjiżi terzi, meta ż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom relazzjonijiet magħhom. Jistgħu wkoll ikunu kkunsidrati.

C. **Armonizzazzjoni, kemm jista' jkun possibli, tas-sekwenza tal-Presidenzi tal-WEU u tal-UE, kif ukoll għar-regolamenti amministrattivi u prattiċitajiet taż-żewġ organizzazzjonijiet**

1. Nhar it-12 ta'Settembru 1997 il-Kunsill tal-WEU addotta deċiżjoni (Aness II) li tarmoniżża s-sekwenza tal-presidenzi fl-WEU b'relazzjoni mas-sekwenza tal-presidenzi fl-UE.

2. F'każi b'implikazzjonijiet monetarji, l-UE u l-WEU jiddeċiedu, bi tfassil *inter alia* dwar possibilitajiet idntifikati fil-*modus operandi* u skond E, biex jagħmlu skambju ta'informazzjoni notevolment sabiex jiżguraw li l-istituzzjonijiet huma provduti bis-sħiħ u mill-iktar fis possibli bl-istimi monetarji kollha xierqa għal deċiżjoni tal-UE li tippermetti għal disposizzjoni ta'fondi mill-ewwel.

D. **Kordinazzjoni mill-qrib tax-xogħol tal-impjegati tas-Segretrjat Ġenerali tal-WEU u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE**

Is-Segretarjat tal-Kunsill Ġenerali tal-UE u s-Segretarjat Ġenerali tal-WEU ser jikkordinaw ix-xogħol tagħhom u ser jikkoperaw bi qbil mad-disposizzjonijiet fl-Anness III, li jkopri skambju ta'informazzjoni, skambju ta'materjal ta'kitba, parteċipazzjoni miż-żewġ naħat fil-laqgħat, sinkronizzazzjoni tal-laqgħat, ftehim għas-sede u skambju u sekondament tal-impjegati.

E. **Jippermettu lil korpi relevanti tal-UE, li jinkludu l-Ippjanar tal-Politika tagħha u l-Unit tal-Avviż minn qabel, biex ifasslu fuq ir-risorsi tal-Impjegati Militari tal-WEU, Ċentru tas-Satellita u Istituzzjoni tal-Istudji tas-Sigurtá**

1. Il-korpi tal-Kunsill tal-UE, f'segwiment ta'xogħol relatat ma' l-Artikolu 17 tal-UET, espremew xewqa għal informazzjoni, parir jew servizzi oħra mir-risorsi tal-WEU. Talbiet bħal dawn għandhom isiru mill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE jew Segretarjat li jaġixxi f'isem il-Kunsill Permanenti tal-WEU li ser jgħati speċifiċi f'waqthom jew direzzjonijiet ġenerali.

2. L-impjegati Militari tal-WEU ser jipparteċipaw u jikkontribwixxu f'laqgħat konġunti tal-UE u l-WEU. Dokumenti maħruġa mill-Impjegati Militari jistgħu jkunu nklużi fi skambju ta'bdil bejn l-organizzazzjonijiet suġġetti għal modalitajiet tas-soltu. L-impjegati Militari ser jassistu fi skambju tal-UE/WEU meħtieġa għall-prpearazzjoni, esekuzzjoni u monitoraġġ ta'deċiżjonijiet skond l-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

   L-Impjegati Militari ser jipprovdu informazzjoni fil-qosor fuq bażi regolari għar-rappreżentanti tal-UE fuq aspetti relevanti tal-proċeduri tal-WEU, pjanijiet u attivitajiet, jirċievu żjarat minn rappreżentanti tal-UE fuq l-inizjattiva tiegħu jew taħghom, li jinkludu żjarat għaċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni, u jsegwu iktar ftehim ma' l-uffiċjali tal-UE biex jippromwovu preparatezza u biex jiffaċilitaw koperazzjoni notevoli fil-qasam operattiv.

3. Iċ-Ċentru tas-Satellita tal-WEU ser jipprovdi prodotti ta'interpretazzjoni tal-immaġni lill-UE bi qbil ma' struzzjonijiet u prijoritajiet mgħotija lilu mill-Kunsill tal-WEU. L-WEU u l-UE qed isegwu numru ta'possibiltajiet għal iktar żvilupp fir-relazzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam, notevolment il-possibilitá li jkunu mgħotija lil UE impriżi mitluba bl-istess prioritá bħal dawk l-impriżi tal-Kunsill ta'-WEU.

4. L-Istituzzjoni tal-Istudji tas-Sigurtà tal-WEU, stabbiliti nhar l-1 ta'Lulju 1990 bħala korp sussidjarju tal-WEU, għandu bħala missjoni primarja tiegħu li jassisti fl-iżvilupp tal-identitá ta'sigurtá Ewropea. Dan joffri risorsa adizzjonali għall-UE. L-Istituzzjoni tal-attivitajiet tal-analiżi, riċerka, dibattitu, u koperazzjoni ma' stituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali oħra ser ikunu miftuħa għall-insegwiment ta' temi li l-UE tidentifika bħala interess partikolari tax-xogħol tagħha. L-istituzzjoni ser tistieden semitikament lir-rappreżentanti tal-UE għal seminars u okkażjonijiet simili, li jinkludu l-kors tas-sajf biex ikun organiżżat fuq bażi ta'prova fl-1999 skond id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-WEU li titratta żvilupp gradwali tal-Istituzzjoni fis-Sigurtá Ewropea u l-Akkademja tad-Difisa.

5. L-Għola Rappreżentanza għall-Politika Barranija Komuni u l-Politika tas-Sigurtá u kull membru mill-impjegati nominat minn din il-persuna, li jinkludu l-Ippjanar tal-Politika u l-Unit ta' Twissija minn qabel provdut għalih fid-Dikjarazzjoni Nru 6 anness mat-Trattat ta'Amsterdam, ser ikollu aċċess għar-risorsi tal-WEU hawn fuq imsemmija fl-eżerċizzju tar-responsabilitajiet tiegħu.

   B'żieda, u fil-qafas tal-ftehim ġenerali għall-koperazzjoni tal-WEU/UE deskritta hawnhekk, l-Għola Rappreżentanza tista' tistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-WEU biex jinnomina impjegati tal-WEU għal *task force*simwaqqfa biex jindirizzaw ħarġiet politiċi partikolari.

F. **Koperazzjoni fil-qasam tal-armamenti, kif xieraq**

1. Ir-raba' sottoparagrafu ta' l-Artikolu 17(1) jipprovdi li l-inkwadrar progressiv u l-politika ta'difesa komuni ser tkun appoġjata, kif l-Istati Membri jikkunsidraw xieraq, permezz ta'koperazzjoni bejniethom fil-qasam tal-armamenti.

2. Id-Dikjarazzjoni tal-WEU tat-22 ta'Lulju tal-1997 tinkludu, fost is-sensiela ta'miżuri li jistgħu jitressqu l-quddiem, koperazzjoni fil-qasam tal-armamenti, kif xieraq, fil-qafas tal-Group tal-Armamenti tal-Punent (WEAG), bħala l-koperazzjoni Ewropea tal-forum tal-armamenti, l-UE u l-WEU fil-kuntest tar-razzjonalizzazzjoni tas-suq tal-armamenti Ewropew u l-istabilizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Armamenti Ewropea.

3. L-UE u l-WEU iħarsu l-ftehim miftiehem bejn l-UE u l-WEAG. Biex titjieb t-trasparenza u l-effettivitá ta'kordinazzjoni ta'xogħol fl-UE u l-WEAG, dawn il-ftehim jipprovdu li skambji ta'informazzjoni li mhux formali huma mpoġġija fuq bażi iktar regolari, mingħajr ma jkun mibdul il-karattru tagħhom, inklużi permezz ta':

   — rikonoxximent tal-Presidenza tal-WEAG u l-Presidenza tal-UE (is-sede tal-ad hoc il-*Working Party*fuq Politika tal-Armamenti Ewropea jew ir-Rapprżentanti tiegħu) u l-Kummissjoni Ewropea (skond ir-responsabiltajiet rispettivi tagħhom) bħala l-punti ta'kuntatt u l-stazzjonijiet ewlenin ta'komunikazzjoni, appoġjati minn kuntatti bejn is-Segretarejat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u s-Segretarjat għall-Armamenti tal-WEAG,

— fuq ix-xogħol kurrenti ta'interess reċiproku, taqsiriet perjodikali ta':

— il-*Panels* tal-WEAG permezz tal-President tad-Diretturi tal-Armamenti Nazzjonali permezz tal-Presidenza tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea (skond ir-responsabilitajiet rispettivi tagħhom),

— il-*Working Party* ad hoc fuq il-Politika tal-Armamenti Ewropea permezz tal-Presidenza tal-WEAG appoġjat kif meħtieġ mill-*Panels* tal-WEAG relevanti,

— skambju ta'informazzjoni regolari dwar attivitajiet li jkunu għaddejjin fil-*Working Party ad hoc* dwar il-Politika tal-Armamenti Ewropea u l-WEAG appoġjati minn skambju ta'dokumenti tax-xogħol relevanti u permezz ta'laqgħat bejn il-Presidenza tal-UE/l-Kummissjoni Ewropea (skond ir-responsabiltajiet rispettivi tagħhom) u l-Presidenza tal-WEAG. Skambju ta'dokumenti ser jitqassmu skond il-proċeduri ta'sigurtá relevanti tal-UE u l-WEAG,WEAG,

— fejn il-*Working Party ad hoc* dwar il-Politika tal-Armamenti Ewropea u l-WEAG jaqblu, sessjonijiet konġunti mhux formali dwar suġġetti relevanti,

— kull ftehim koperattiv ieħor bejn l-UE u l-WEAG li jista' jkun miftiehem biex itejjeb il-koperazzjoni tal-armamenti Ewropea.

4. Kunsiderazzjonijiet li jitrattaw l-armamenti jistgħu ikunu wkoll indirizzati matul ix-xogħol tal-UE u l-WEU relatat ma' l-aspetti ta'difiża, kif xieraq.

G. **Jiżguraw koperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea**

1. Skond it-Trattat dwar l-Unjoni Ewrpea, il-Kummissjoni Ewropea hija assoċjata bis-shiħ bix-xogħol imwettaq skond il-politika komuni barranija u l-politika tas-sigurtá (CFSP). Il-modalitajiet tal-koperazzjoni bejn l-WEU u l-Kummissjoni huma preskritti fl-Anness IV, li jkopri inter alia skambju ta'informazzjoni, skambju ta'materjal ta'kitba, parteċipazzjoni miż-żewġ naħat fil-laqgħat, ftehim ta'sedi, skambju ta'mpjegati.

2. L-UE u l-WEU jinnot5aw li ftehim finanzjarju mudell ser ikun stabbilit bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-WEU b'ħarsa li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni prattika u mgħaġġla tad-deċiżjonijiet tal-UE u azzjonijiet li jimplikaw attivitajiet tal-WEU skond l-Artikolu 17 u jiffinanzjaw dwar il-linji tal-estimi ta'nfieq relevanti tal-estimi ta'nfieq ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

3. L-UE u l-WEU jinnotaw li f'każi fejn l-azzjonijiet tal-Komunitá u attivitajiet tal-WEU huma kumplimentari, skambju u interazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-WEU jistgħu jiġu mwettqa.

H. **Ftehim ta'Sigurtá**

1. Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u s-Segretarju Ġenerali tal-WEU għamlu skambju ta'korrispondenza dwar ir-regolamenti ta'sigurtá applikabbli għat-trattament ta'informazzjoni klassifikata trasmessa minn organizzazzjoni oħra (ara Anness V). Dan l-iskambju jipprovdi għall-mixja mhux impedita bejn is-Segretarjati ta'informazzjoni meħtieġa għall-funzjoni sew tar-relazzjonijiet tal-UE/WEU skond it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

2. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-WEU għamlu skambju ta'korrispondenza dwar ir-regolamenti ta'sigurtá applikabbli għat-trattament ta'skambju ta'informazzjoni klassifikata (ara Anness VI). Dan l-iskambju jipprovdi għal mixi li mhux impedid bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat Ġenerali tal-WEU tal-informazzjoni meħtieġa għal funzjoni sew tar-relazzjonijiet bejn UE/WEU skond it-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-ftehim t'hawn fuq huwa mingħajr preġudizzju għal skambju ta'informazzjoni uffiċjali oħra bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet li jistgħu jkunu mitluba għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar disposizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew ikkunsidrati meħtieġa minn korpi relevanti ta'kull organizzazzjoni.

LISTA TA' L-ANNESSI

ANNESS I	MODUS OPERANDI GĦAL L-ARTIKOLU 17(3) TAT-TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA
ANNESS II	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-WEU TAT-12 TA'SETTEMBRU 1997 DWAR L-ARMONIZZAZZJONI TAS-SEKWENZA TAL-PRESIDENZI TAL-UNJONI EWROPEA TAL-PUNENT U L-UNJONI EWROPEA
ANNESS III	KOOPERAZZJONI BEJN IS-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-WEU U S-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-UE
ANNESS IV	KOOPERAZZJONI BEJN IL-WEU U L-KUMMISSJONI EWROPEA
ANNESS V	SKAMBJU TA'KORRISPONDENZA DWAR FTEHIM TA' SIGURT BEJN IS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-UE U S-SEGRETARJU ĠENERALIO TAL-WEU
ANNESS VI	SKAMBJU TA'KORRISPONDENZA DWAR FTEHIM TA'SIGURTÁ' BEJN IL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EWROPEA I S-SEGRETARJU-ĠENERALI TAL-WEU

L-ANNESS I

MODUS OPERANDI GĦAL L-ARTIKOLU 17(3) TAT-TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA

TAQSIMA A

1. Fl-arkitettura tas-sigurtá tal-Unjoni Ewropea li għadha qed tieħu forma, immaniġġjar ta'kriżi ta'limitu kbir ser jinvolvi iktar minn organizzazzjoni waħda fl-istess waqt, partikolarment l-UE, WEU, NATO, OSCE u l-UN. Ir-relazzjoni stituzzjonali bejn l-UE u l-WEU kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u r-rinfurzar fit-Trattat ta'Amsterdam, u t-tiswieħ ta'koperazzjoni ndustrijali bejn WEU u n-NATO, tippermetti avviċinament komprensiv Ewropw għall-immaniġġjar ta'kriżi:

   — it-Trattat ta'Amsterdam jinkorpora l-kompiti ta'Petersberg, jistabilixxi li l-linja ta'gwida tal-kompetenza tal-Kunsill Ewropew għandu jinkludi fatturi li jiddefefendu implikazzjonijiet u għandu jikseb b'rispett lejn l-WEU għal fatturi li għalihom l-UE tiddisponi lilha nfisha għall-WEU; jipprovdi wkoll għal relazzjoni stituzzjonali mill-qrib bejn l-UE u l-WEU, li jipprovdi lill-UE b'aċċess għal kapaċitá operazzjonali, notevolment fil-kuntest tal-kompiti ta'Petersberg, u jappoġġja lill-UE fil-qafas tal-aspetti tad-difisa tal-politika barranija komuni u l-politika ta'sigurtá tagħha,

   — il-bini ta'sigurtá Ewropea u identitá ta'difisa fi ħdan in-NATO, ikkonfermat mid-deċiżjoni meħuda f'Madrid [1], jipperemetti għal din il-kapaċitá li tinkludi l-possibiltá li jkun hemm rikors għall-assi u l-kapaċitiajiet tal-Allejanza Atlantika. Il-WEU tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet operattivi tagħha man-NATO,

   — il-WEU tkompli tieħu iktar miżuri biex issaħħaħ il-kapaċitiajiet operattivi tagħha kemm fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni indent u għat-tmexxija ta'operazzjonijiet awtonomi.

2. Dawn il-ftehim huma applikazzjoni tal-kunċett ta'rinfurzar reċiproku, istituzzjonijiet imsakkra fihom innifishom. L-effettivitá, għaldaqstant, tiddependi fuq kordinazzjoni imtejba tal-konsultazzjoni u proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet rispettivi. Billi l-modalitajiet għall-koperazzjoni tal-WEU/NATO fil-WEU-waslet l-operazzjonijiet li jirrikorru għall-assi u l-kapaċitajiet tan-NATO li qegħdin f'diskussjoni kurrenti fil-WEU u n-NATO, esperti tal-UE u l-WEU, filwaqt li jikkunsidraw il-modifikazzjonijiet fir-relazzjoni tal-UE/WEU miftehma f'Amsterdam, elaboraw flimkien il-flowchart mehmuża bħala eżempju illustrattiv tal-mixja tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE u l-WEU u l-interfażijiet tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' kriżi li fihom l-UE tagħmel lilha nfisha disponibbli għall-WEU sabiex telabora u timplimenta deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-UE li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża, notevolment fuq il-kompiti ta'Petersberg. Kien hemm ftehim ġenerali li għandu jkun utli għall-amalgamazzjoni ta'din il-*flowchart*, fit-tieni stadju tax-xogħol, bil-*flowcharts* li qed ikunu elaborati fil-WEU u n-NATO fuq il-koperazzjoni tagħhom fil-WEU- waslet li l-operazzjonijiet jirrikorru għall-assi tan-NATO.

TAQSIMA B

Id-diskussjoni tal-*flowchart* wasslet għal konklużjonijiet segwenti.

Ġenerali

1. B'ħarsa lejn il-fatturi speċifiċi ta'kull sitwazzjoni ta'kriżi u l-ħtieġa li tiffaċilita kull azzjoni rapida, jidher diffiċli biex titwaqqaf proċedura standard għal il-proċessi tat-teħid tad-deċiżonijiet taż-żewġ organizzazzjonjiet ikunu marbuta.

2. Il-*flowchart* mehmuża fiha mudell għall-interazzjoni tal-EU/WEU dl-immaniġjar ta'kriżi skond l-Artikolu 17(3). Filwaqt li żżomm il-karattru tagħha bħala eżempju illustrattiv, il-flowchart għandha sservi bħala linja ta'gwida biex tistabilixxi l-interfażijiet bejn l-UE u l-WEU f'sitwazzjoni ta'kriżi speċifika.

3. L-UE għandha sensiela ta'politika u strumenti għall-ittrattar ma' aspetti varji ta'immaniġjar ta'kriżi. Matul operazzjoni ta'immaniġjar ta'kriżi skond l-Artikolu 17(3), l-UE ser iżżomm ir-resposabilitá għall-qafas tal-politika fuq kollox. Din ir-responsabilita fuq kollox, li ser tkun rinfurzata iktar permezz tat-trattat ta'Amsterdam, għandha tkun riflessa kif xieraq, fil-ftehim għal koperazzjoni aħjar bejn Iż-żewġ organizzazzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta'kriżi.

[1] Dikjarazzjoni dwar is-Sigurtá tal-Euro-Atlantiku u l-Koperazzjoni maħruġa mill-Kapijiet ta' l-Istat u Gvern li qed jieħdu sehem fil-laqgħa tal-Kunsill fl-Atlantiku ta' Fuq f'Madrid nhar it-8 ta'Lulju 1997.

4. Il-koperazzjoni tal-UE/WEU fl-immaniġġjar ta'kriżi skond l-Artikolu 17(3) teħtieġ l-iskambju ta'informazzjoni klassifikata li minn naħa l-oħra tagħha teħtieġ ir-rekwiżiti ta'sigurtá relevanti għaż-żewġ organizzazzjonijiet biex jiltaqgħu. Il-ftehim ta'sigurtá konkluż bejn is-Segretarji Ġenerali u ż-żewġ organizzazzjonijiet ser jiffaċilitaw bil-kbir il-koperazzjoni bejn l-UE u l-WEU skond l-Artikolu 17(3).

5. Twaqqif tar-rwoli rispettivi għall-UE u l-WEU fid-dmirijiet militari u ċivili kien ikkunsidrat importanti.

Fasi 1: Meta titfaċċa sitwazzjoni ta' kriżi u evalwazzjoni tal-kriżi

6. Qabel jew dak in-nhar li titfaċċa s-sitwazzjoni ta'kriżi, il-Kunsill tal-UE u l-WEU jistgħu jeżaminaw l-aspetti varji tas-sitwazzjoni fid-dritt tagħhom stess u fid dawltal-kompetenzi rispettivi tagħhom. B'ħarsa lejn l-iskop iktar wiesgħa ta'meżżi ta'azzjoni disponibbli għall-UE, hu x'aktarx li l-iktar stima komprensiva tas-sitwazzjoni u, jekk meħtieġ, l-iżvilupp ta'trattament komprensiv għall-indirizzar tal-kriżi li tkun feġġett ser issir fl-UE. F'dan il-proċess, l-UE ser tiddipend mill-WEU biex din tagħmel l-istrumenti militari u l-esperti militar-politiċI tagħha disponibbli għall-immonitoraġġ u stima tas-sitwazzjoni kif ukoll għall-iżvilupp ta' l-elementi militari ta' trattament komprensiv Ewropew għall-kriżi.

7. Il-Kunsill tal-WEU jista' wkoll jieħu l-inizjattiva biex iwaqqaf lill-Kunsill tal-UE minn sitwazzjoni ta'kriżi u jipprovdi lill-UE bi stimi u għażliet għal azzjoni sakemm il-qasam tiegħu ta'responsabiltá hu konċernat.

8. Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-WEU fil-preparazzjoni, ippjanar u tmexxija tal-operazzjonijiet tal-WEU hu maħkum mid-dokumenti relevanti tal-WEU.

9. Fit-twaqqif tal-Ippjanar Politiku CFSP u l-Unit ta'Twissija minn Qabel, rabtiet mal-Parti ta' l-Ippjanar u ċ-Ċentru ta' Sitwazzjoni għandu jkun provdut għalih, b'żieda għal punti eżistenti ta'kuntatt bejn is-Segretarjati sabiex jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, partikolarment fil-fażi minn kmieni tas-sitwazzjoni ta'kriżi.

10. La darba l-Kunsilli tal-UE u l-WEU kienu mwaqqfa minn sitwazzjoni ta'kriżi, mekkanismu xieraq għall-kuntatti tal-WEU/UE għandhom ikunu attivati sabiex jiffaċilitaw stime konġunta tas-sitwazzjoni. F'ħafna każi għandu jkun normali u ta'valur għall-WEU biex twassal għal dan it-tip ta'stimi konġunti l-istima militari tagħha tas-sitwazzjoni filwaqt li tikkunsidra partikolarment il-probabilitá ta'operazzjoni f'termini ta'assi u nfieq. L-UE tipprovdi l-istima fuq kollox tagħha tal-kriżi. Dawn il-mekkanismi jistgħu jinkludu laqgħat konġunti f'*working group* jew, jekk xieraq, fuq livel għola jew it-twaqqif ta'grupp *ad hoc* magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ organizzazzjonijiet. Laqgħat *ad hoc* jistgħu ikunu konvenuti fuq l-inizjattiva tal-Presidenzi. Kull Presidenza għandha tkun responsabbli għall-*working group* propost biex ikun responsabbli għal dan il-proċess. Suġġett għal disposizzjonijiet istituzzjonali oħra fi ħdan Iż-żewġ organizzazzjonijiet, l-aħjar gruppi fil-preżent jidhru li huma l-Grupp Militar-Politiku fil-WEU u l-gruppi reġjonali relevanti u/jew il-*Working Group* ta'Sigurtá fl-UE.

Fasi 2: Deċiżjoni dwar azzjoni u żvilupp ta'pjan ta'operazzjoni

11. Risposta għal talba tal-UE, fejn applikabbli, il-Kunsill tal-WEU jgħati lill-UE il-konklużjonijiet tiegħu li jitrattaw il-probabilitá ta', u għażliet possibli għal, operazzjoni tal-Kumitat Politiku u l-Kumitat tar-Rappreżenetanti Permanenti jipprepara d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE. F'dan l-istadju, laqgħat konġunti ma' l-Kunsill Permanenti tal-WEU jista' jkun parzjalment utli. Il-Kunsill Ewropew jista' jitwaqqaf u jkun deċIż li jkunu stabbiliti linji ta'gwida sabiex jiżguraw trattament koerenti kemm tal-UE kif ukoll tal-WEU fl-indirizzar tal-kriżi. Il-korpi kompetenti taż-żewġ organizzazzjonijiet ser jaġixxu b'konsistenza ma' l-linji ta'gwida stabbiliti. Il-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali tal-UE addotta d-deċIżjoni, u l-Kunsill tal-WEU, ikkunsidra l-kunsiderazzjonijiet militari relevanti, imbagħad tieħu d-deċIżjonijiet meħtieġa.

12. Fuq il-grad ta'preċiżjoni ta' l-Artikolu 17(3) deċiżjoni, il-kliem tad-deċiżjoni iridu jkunu prċiżi bħala l-għanjiet, bla tul sabiex tiddefinixxi l-modalitiajiet għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni militari tal-WEU. L-għola grad ta'preċIżjoni ser jinkiseb permezz ta'preparazzjoni minn qabel u kuntatti bejn l-UE u l-WEU u sussegwentament ser jiffaċilitaw id-djalogu bejniethom u l-kondizzjonijiet għat-tmexxija u t-tlestija tal-operazzjoni. Deskrizzjoni preċIża tal-għanijiet deċiżjoni tal-Artikolu 17(3) ser tiffaċilita wkoll il-proċess ta'aggruppament tal-operazzjoni.

13. Fuq id-dewmien tal-operazzjoni, kien miftiehem li d-deċiżjoni tal-UE tista' tinkludi klawsola reveduta u possibilment mira għat-terminazzjoni tal-operazzjoni b'ħarsa lejn l-istima militari u operattiva provduti mill-WEU u l-Ħtieġa għaż-żamma ta'trattament pragmatiku u flessibli fl-azzjoni tl-WEU.

14. Ftehim prattiku ieħor għal koperazzjoni taż-żewġ organizzazzjonijiet skond l-Artikolu 17(3) jista' jkun miftiehem f'termini ġenerali jew każ każ. Ftehim għal operazzjoni speċifika jista' jkun miftiehem qabel jew wara deċiżjoni tal-Artikolu 17(3). Prattiċitajiet konġunti ta'xogħol imwaqqfa matul l-ewwel fażi jistgħu jeħtieġu li jkunu addattati fit-tieni fażi.

15. Iż-żewġ organizzazzjonijiet iridu jkunu ċari kemm jista' jkun għall-assenjati "punti ta'kuntatt" bejniethom. Il-ftehim eżistenti (relazzjonijiet bejn il-Presidenzi, is-Segretarjati u l-Kummissjoni Ewropea) ser ikunu relevanti ħafna w użu sħiħ minnhom għandu jsir fi kriżi. B'ħieda, punti ta'kuntatt ad hoc għal kull każ partikolari jista' jkun utli biex jippermetti l-possibilitá ta'varjazzjoni wiesgħa ta'interventi imwaqqfa skond l-Artikolu 17(3), b'attenzjoni għar-regolamenti ta'kull organizzazzjoni fuq rappreżentazzjoni esterna u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni intern tagħha. Kuntatti bħal dawn jinkludu s-Segretarjat tal-WEU, il-Parti tal-Ippjanar tal-WEU, is-CFSP Pjanar Politiku u Unit ta'Twissija minn Qabel, u, jiddependi minn natura tal-operazzjoni, il-Kummissjni Ewropea. Dawn il-ftehim ser jiżguraw li dawn l-interlokuturi huma awtorizzati biex jaġixxu bħala l-interfaċi bejn l-UE u l-WEU.

Fasi 3: Eżekuzzjoni, monitoraġġ tmiem tal-operazzjoni

16. Il-ħtieġa ta'skambju komprensiv ta'informazzjoni u għal konsultazzjoni dettaljata bejn l-UE u l-WEU mill-bidu sat-tmiem tal-fażi ta'esekuzzjoni kienet sottolinejata. Il-modalitajiet għal dawn l-iskambji iridu jkunu preskritti fi ftehim prattiku miftihem bejn Iż-żewġ organizzazzjonijiet kif diġa' preskritt f'Fasi 2. Dawn jistgħu partikolarment jipprovdu għal livell ta'koordinazzjoni kemm fi Brussell (jekk meħtieġ fil-grupp *ad hoc*, per eżempju) u fuq l-art. Jiddependi mill-karatteristika tal-operazzjoni, kwartieri ġenerali addattaw għall-kontribuzzjoni u preżenza taż-żewġ organizzazzjonijietjistgħu jiġu msejħa, partikolarment fil-każ ta'operazzjonijiet umanitarji jew mhux militari. F'każi oħra, kunsiderazzjoni tista' tingħata għall-integrazzjoni ta'rappreżentant tal-kwartieri ġenerali fis-seħħ, per eżempju għall-għanijiet ta' ta'għaqda u/jew biex jitwettqu għanijiet speċifiċI. Għas-suċċess tal-operazzjoni huwa kruċjali, għaldaqstant, li r-responsabiltajiet huma identifikati biċ-ċar u li l-unitá tal-kmand hi preservata. Partikolarment, il-ħtieġa għall-kmandant tal-operazzjoni li jkollu katina waħda ta'kmand li twassal għall-Kunsill Permanenti tal-WEU għandha tkun rispettata.

17. Kull tibdila ewlenija fil-kuntest politiku globali kopert mid-deċiżjoni tal-Artikolu 17(3) normalment issejjaħ għal iktar deċiżjoni mill-Kunsill tal-UE kif ukoll għal iktar deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma'l-WEU.

18. L-istituzzjonali (EU/WEU) qafas ta'xogħol ta'operazzjoni mwettqa fl-implimentazzjoni ta'deċiżjoni tal-UE ibbażata fuq l-Artiklu17(3) ma tistax tinżamm fit-tul iktar milli l-UE tqis azzjoni bħal din bħala meħtieġa u tiddisponi lilha nfisha mill-WEU għal dak il-għan; l-esekuzzjoni tal-operazzjoni militari m'għandhiex tinżamm iktar fit-tul minn dal li l-WEU tikkunsidra li tkun militarment possibli.

Deliberazzjonijiet dwar it-tmiem tal-operazzjoni, jew bħala parti minn pjan maħsub minn qabel jew bħala rispons għal ċirkostanzi ġodda, jistgħu ikunu varati bl-inizjattiva ta'waħda mill-organizzazzjonijiet u għandha tkun akkumpanjata minn konsultazzjonijiet mill-UE/WEU (li jinkludu laqgħat konġunti kif meħtieġ) li jwasslu għal ħarsa bejniethom tal-merti u kondizzjonijiet ta'tmiem.

Filwaqt li hu għal Kunsill tl-UE li jiddeċiedi li jtemm l-implimentazzjoni ta'l-Artikolu 17(3) azzjoni, hija r-responsabilità tal-WEU li jiddeċiedi li joħroġ strateġija tal-operazzjoni relatata militari u l-implimentazzjoni tagħha, wara l-Kunsill tal-UE.

FLOWCHART

A. **Emergence of a crisis, evaluation** B. **Decision on action and development operational plan** C. **Execution, monitoring and termination of the operation**



ANNESS II

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-WEU TAT-12 TA'SETTEMBRU 1997 DWAR L-ARMONIZZAZZJONI TAS-SEKWENZA TAL-PRESIDENZI TAL-UNJONI EWROPEA TAL-PUNENT U L-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Imsejħa mill-ġdid id-Dikjarazzjni Ministerjali tal-WEU tat-22 ta'Lulju 1997, partikolarment id-deċiżjoni li tinkludi s-sensiela ta'miżuri li jistgħu jittieħdu issa b'konsistenza ma' l-Protokol għal l-Artikolu 17 tat-Trattat ta'Amsterdam il-ħarġa ta'armonizzazzjoni sakemm dan ikun possibli mis-sekwenza tal-Presidenzi tal-WEU u l-UE.

Tittieħed nota tal-proposta tal-Presidenza Ġermaniża miġbura fid-dokument K(97)177.

JIDDEĊIEDI:

1. Fejn il-Presidenza tal-UE hi miżmuma mill-Għola Parti Kontraenti għat-Trattat modifikat ta'Brussell, dik il-Parti għandha wkoll tassumi l-Presidenza tal-WEU.

2. Fil-każi l-oħra kollha l-Presidenza fil-WEU għandha tittieħed mill-Għola Parti Kontraenti għat-Trattat modifikat ta'Brussell b'insegwiment għas-sekwenza preżenti tal-Presidenzi fil-WEU (kif preskritt fit-tabella mehmuża). Fis-sekwenza segwenti, il-Presidenzi tal-WEU żammew b'virtu t'hawn fuq mhux ser tkun ikkunsidrata.

3. Is-sekwenza l-ġdida tal-Preidenzi għandha tibda tapplika sa mill-1 ta'Jannar 1999.

Sekwenza tal-Presidenzi tal-UE u tal-WEU fl-applikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-WEU.

1998 sa 2003

	Sekwenza oriġinali ta' Presidenzi WEU	Sekwenza ta' Presidenzi fl-UE	Sekwenza ġdida ta' Presidenzi fil-WEU
I/1998	Greċja	Renju Unit	Greċja
II/1998	Italja	Awstrija	Italja
I/1999	Lussemburgu	Ġermanja	Ġermanja
II/1999	Olanda	Finlandja	Lussemburgu
I/2000	Portugall	Portugall	Portugall
II/2000	Spanja	Franza	Franza
I/2001	Renju Unit	Svezja	Olanda
II/2001	Belġju	Belġju	Belġju
I/2002	Franza	Spanja	Spanja
II/2002	Ġermanja	Danimarka	Portugall
I/2003	Greċja	Greċja	Greċja
II/2003	Italja		

ANNESS III

KOOPERAZZJONI BEJN IS-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-WEU U S-SEGRETARJAT ĠENERALI TAL-KUNSILL TAL-UE

1. **Skambju ta'informazzjoni**

Skambju ta'informazzjoni għandu jseħħ b'relazzjoni għall-iżviluppi fil-CFSP partikolarment fl-oqsma fejn il-WEU tista' tkun mistiedna sabiex telabora u timplimenta deċiżjonijiet tal-UE li għandhom implikazzjonijiet ta'difiża, fejn attivitajiet kumplimentari jew simili qed ikunu mwettqa mill-UE jew mill-WEU u għal attivitajiet relevanti oħra tal-WEU, li jinkludu l-iżvilupp tal-ippjanar għal miżuri ta'implimentazzjoni f'oqsma fejn l-UE tista' ssejjaħ azzjoni bħal din.

Il-punti ta'kuntatt nominati fiż-żewġ segretarjati ser ikomplu jiffaċilitaw fuq bażi regolari informazzjoni reċiproka bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

perjodu meetings at anzjanita working lieva will be held at least once per Ta' kull kwart tas-sena Laqgħat perjododikali fuq livell ta'ħidma għolja ser jinżammu mill-inqas darba kull tlett xhur. Each Secretariat will circulate in its respective organizzazzjonijiet a short and comprehensive report.Kull segretarjat għandu jiċċirkola lill-organizzazzjonijiet rispettivi tiegħu rapport qasir u komprensiv.

2. **Skambju ta'materjal miktub**

Materjl ta'kitba, li jinkludi materjal klassifikat, li jkopri ż-żewġ dokumenti u l-messaġġI COREU/WEUCOM. Sar ftehim prattiku għal skambju sistematiku dwar suġġetti ta'interess ġenerali għaż-żewġ organizzazzjonijiet.

2.1. *Materjal li għandu jkun skambjat*

L-iskambju ta'materjal ta'kitba ikopri d-dokumenti relevanti u l-messaġġi COREU/WEUCOM. Minħajr preġudizzju għal sitwazzjonijiet speċjali mhux koperti mill-Gruppi preskritti hawn taħt u fejn ftehim speċjali għandu jkun stabbilit, l-iskambju sistematiku ta'materjal ta'kitba li jseħħ skond il-listi 2.1.1 u 2.1.2.

2.1.1. Segretarjat-Ġenerali tal-WEU

Is-Segretarjat Ġenerali tal-WEU ser jirċievi komunikazzjoni sistematika tal-materjal ta'kitba (għall-punti CFSP) tal-korpi/gruppi segwenti:

Korpi tal-UE:

— Kunsill Ewropew,

— Kunsill,

— Kumitat ta'Rappreżentanti Permanenti (fejn ikun relevanti għall-attivitajiet tal-WEU),

— Kumitat Politiku.

Working Groups:

— Sigurtá,

— Disarmament Globali u Kontroll tal-Armi,

— Mhux proliferat (CBW u nukleari),

— Esportazzjoni Konvenzjonali tal-Armi,

— Nazzjonijiet Uniti,

— OSCE,

— Il-Balkani tal-Punent;

— L-Ewropa Ċentrali,

